# LEHEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 10** **SETTEMBRU, 1965**

# DUN GUIDO CALLEJA

"Il-Kappillan se jħallina!": malajr ġriet din l-aħbar ma' San Ġiljan kollu. Kulħadd stagħġeb u ddispjaċih li konna ser nitilfu lil Dun Guido, li tant kien ħabb u tant ħadem għal San Ġiljan.

Dun Guido Calleja twieled u trabba f'tas-Sliema, iżda minn mindu kien għadu seminarista kien iħobb jiġi San Ġiljan, u hawn kien iqatta' l-vaganzi tas-sajf, iservi fil-knisja u jgħin lill-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Debono, li ħafna għadhom jiftakruh tajjeb. Wara li ordna saċerdot fl-1953, Dun Guido ġie msejjaħ minn Mons. Arċisqof biex jagħmilha ta' kappillan tiegħu u wara sentejn f'din il-kariga, mar Ruma biex ikompli jistudja l-kant sagru, li għalih minn dejjem kellu passjoni.

Fl-1956 Dun Guido ġie maħtur Kappillan ta' San Ġiljan, u mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol, li f'parroċċa kbira u mxerrda bħal tagħna, ma jonqos qatt. Fost ħwejjeġ oħra organizza l-abbatini biex jagħtu servizz aktar xieraq fuq l-artal, ħa ħsieb il-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa, waqqaf il-Kor Parrokkjali li matul is-snin kellu jissaħħaħ, jikber u jiżdied.

Iżda isem Dun Guido jibqa' dejjem marbut mal-knisja l-ġdida. Kien ilu jinħass dan il-bżonn fil-parroċċa tagħna, li l-knisja li għandha nbniet meta San Ġiljan kien għadu post ta' villeġġjatura bi ftit mijiet ta' abitanti. B'determinazzjoni u enerġija, il-kappillan il-ġdid, fl-entużjasmu żagħżugħ tiegħu, daħal b'ruħu u b'ġismu għal din il-biċċa xogħol enormi. Bi £350 f'idejh wara li xtara l-art beda x-xogħol għall-bini tal-knisja: u minn dak iż-żmien sal-lum ix-xogħol ma waqaf qatt, bir-riżultat li llum nistgħu ngħidu li l-knisja kważi lesta.

Il-fiduċja tiegħu fil-Bambin ġiegħlitu ma jaqta' qalbu qatt. Sikwit kien jirrakkuntali xi storja biex jurini l-Bambin kemm jaħseb fina. Il-motto tiegħu kien: *"Tu solus Dominus"*, u dejjem kien jgħidli li fin-nofs ċirku li hemm fuq l-artal maġġur ried jikteb dawn il-kelmiet, b'ittri kbar, daqshiex. Il-kaxxa tal-kartun li fiha kien ipoġġi l-flus kultant kienet tkun vojta — kien ikun fiha biss is-santa qadima ta' San Ġużepp li mill-ewwel il-kappillan poġġa fiha — iżda dan qatt ma qatagħlu qalbu; ma tantx kienet iddum vojta.

Lil Dun Guido, il-poplu ta' San Ġiljan iħoss li għandu minn qalbu jirringrazzjah ta' dak kollu li għamel għalih, u jawguralu xogħol ta' fejda spiritwali fil-qasam ġdid li l-Bambin għoġbu jafdalu f'idejh.

Minn qalbna nsellmulu u nawgurawlu.

DUN ĠWANN.

## X'SA JKOLLNA F'SETTEMBRU

8 ta' Settembru — It-Twelid tal-Madonna. Mhix festa kmandata. Il-ħinijiet tal-quddies bħal nhar ta' xogħol.

13 ta' Settembru — Il-ħames dehra ta' Fatima. Quddiesa bil-priedka fis-7.00 p.m.

16, 17, 18 ta' Settembru — Tridu tad-Duluri. Fis-6.30 p.m. Rużarju u Quddiesa b'kelmtejn fiha.

19 ta' Settembru — Festa tad-Duluri. Fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata. Fl-4.30 p.m. Kant tal-għasar, priedka, purċissjoni, u wara, fis-6.30 p.m., toħroġ il-quddiesa.

22, 24, 25 ta' Settembru — Ġranet ta' Kwattru Tempi. Sawm u ma jiswiex laħam.

Ix-xahar id-dieħel huwa x-xahar tar-Rużarju. Ejjew kuljum biex flimkien bħal familja waħda, ngħidu r-Rużarju.

## KIF INSTAB ID-DRIEGĦ TA SAN ĠILJAN

Recina kienet belt qadima msejħa f'dawk iż-żminijiet "il-belt ta' San Ġiljan", minħabba li meta kien mar l-Italja, kien għex u miet qrib dik il belt, fejn ġie midfun u meqjum mill-fidili. Minn hemm is-sagri relikwji ġew meħuda fil-Kattidral ta' Macerata. Tant hu hekk li fir-*Regina Picena* ta' Pompeo Compagnoni hemm miktub:

*"Ġew ittrasferiti (f'Macerata) l-aktar ħwejjeġ memorabbli u profani, u miqjum bħala titular San Ġiljan, patrun qadim ta' Recina".*

Kienet tradizzjoni qadima li tgħid li, ir-relikwja tad-driegħ ta' San Ġiljan hija mqiegħda bejn iż-żewġ kolonni ta' l-artal maġġur. Tant hu hekk li fl-1442 ġiet hemmhekk misjuba tabilħaqq, kif jirriżulta mid-dokument awtentiku li jinsab fl-arkivji tal-Kattidral ta' Macerata. L-imsemmi dokument igħid fost ħwejjeġ oħra:

*"Ġie għandi ċertu Filippo di Nicola, ċittadin li jistħoqqlu qima u ġieħ, raġel imdaħħal fiż-żmien ta' fama mill-aħjar, għarrafni u assigurani li sa minn żmien twil kien sama' mingħand ċittadin ieħor, bħalu miqjum, li kien miet, li s-sagra relikwja tad-driegħ ta' San Ġiljan kienet imqiegħda bejn iż-żewġ kolonni li huma quddiem l-artal maġġur.*

*"Aħna għaldaqstant, mingħajr telf ta' żmien flimkien mal-kleru kollu tagħna, filwaqt li tkantaw il-*Veni Creator* u l-Litanija tal-Qaddisin, bdejna u ġegħelna min iħaffer fil-post muri mill-imsemmi ċittadin nobbli, u fl-aħħar għall-Glorja ta' l-omnipotenza ta' Alla, ta' l-Imqaddsa Ommu, il-Verġni Marija u tal-Glorjuż San Ġiljan, sibna kaxxa ċkejkna li b'devozzjoni u qima tellajna b'idejna stess għal fuq l-artal maġġur.*

*"Meta l-kaxxa nfetħet quddiem folla nies, ħriġna minn ġo fiha stess*

*pissidi li fuqu kien hemm miktub fuq parċmina qadima din l-iskrizzjoni:* 'Hoc est residuum Brachii Sancti Iuliani, qui patrem et matrem interfecit'.

*"Wara li wrejna din is-Sagra Relikwji lill-folla tan-nies erġajna poġġejniha fil-kaxxa flimkien mal-pissidi u ħadniha fis-sagristija, u poġġejniha f'kaxxaforti indurata quddiem in-Nutar, is-Sindku, il-Prijuri tal-Venerabbli Kapitolu tagħna u quddiem l-ewlenin tal-kleru kollu.*

*"Wara li l-kaxxa ġiet imsakkra b'żewġ ċwievet, tajna waħda lis-Sindku u l-oħra lill-Kapitolu tagħna. Hija l-fehma tagħna, jekk Alla jrid, li ngħalqu d-driegħ bl-id flimkien ma' xi partijiet oħra ta' l-Id tal-Qaddis, f'teka tal-fidda ngastata b'ħaġar prezzjuż bi skop li nikkonservawha iktar aħjar u b'qima. Fi ħsiebna wkoll nibnu altar lill-Qaddis tagħna, u fih inqiegħdu s-sagri relikwji tiegħu sabiex min ikun irid iżur din il-knisja u jqim is-Sagri Relikwji, ikun jsta' jagħmel hekk b'aktar devozzjoni għall-glorja ta' l-Omnipotenti Alla, u tal-glorjuż San Ġiljan li sa dawn iż-żminijiet mingħajr dubju ta' xejn meqjus bħala Patrun u l-għassies ta' din il-belt, u b'hekk għalli ġej ikun xieraq li jibqa' l-interċessur tagħna u ta' l-erwieħ.*

*"U sabiex tikber aktar id-devozzjoni u l-ħeġġa tal-poplu tagħna, ħadt il-parir tal-venerabbli Kapitolu tagħna, u għalhekk irridu u nordnaw li fil-jum ta' l-Epifanija ta' kull sena, fil-Kattidral tagħna ta' San Ġiljan f'Macerata, tiġi ċelebrata festa solenni bl-uffizzju tas-sejba tas-Sagra Relikwja.*

*"In quarum perpetuam fidem etc. Ego Nicolaus de Astis Dei Gratia Episcopus etc. Manu propria."*

J.S.

## SALV, NGĦIDULEK GRAZZI!

Issa li Salvu ħalliena, nistgħu nħarsu lejn ħajtu f'dawl aħjar u napprezzaw aħjar l-54 sena ta' ħajtu dedikati għas-servizz tal-Knisja Parrokkjali tagħna.

Salvu nistgħu ngħidu li għex għall-knisja, għax għal aktar minn nofs seklu ta ħajtu kompletament, mhux bħala impjegat imma bħala bniedem li għamel mill-ħajja ta' sagristan il-vokazzjoni ta' ħajtu. F'din il-vokazzjoni huwa baqa' jitħarreġ u mal-mixja tas-snin kiber fl-imħabba lejn il-liturġija tal-Knisja u speċjalment lejn iċ-Ċentru tal-liturġija: l-Ewkaristija.

Dan jeħtieġ li wieħed igħidu — issa li Salvu miet — biex wieħed jagħmel ħaqq, għaliex forsi bosta, f'Salvu, kienu jaraw aktar il-qoxra milli l-qalb li kienet moħbija taħt għemil minn barra li mhux dejjem kien iħallik tifhem lil ruħu.

Salvu ma kienx hemm bżonn min jiġri warajh biex jaqdi dmiru; huwa stess għamel lilu nnifsu lsir ta' dmiru, jew aħjar, tal-premura kbira li xejn ma jkun nieqes minn eżattezza.

Din il-premura kienet tidher dejjem, imma aktar meta tkun toqrob il-festa ta' San Ġiljan, tal-Qalb ta' Ġesù, eċċ. Il-festa tal-Milied kienet kull sena żżommu mqajjem sa wara s-sagħtejn ta' filgħodu, imma l-istess kien

ikun fuq saqajh fl-erbgħa biex jara li kollox sejjer jimxi sewwa. Xejn ma kien iħalli għaddej, sew jekk tifel ma jġibx ruħu tajjeb, sew jekk xemgħa waħda tintefa, imqar jekk saċerdot jasal ftit tard. Il-premura ta' Salvu kienet li s-servizz fid-Dar t'Alla jsir kif jixraq. Din kienet il-kbira premura ta' qalbu.

Salvu għalkemm għamel żmien hekk twil bħala sagristan, qatt ma nesa l-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Il-quddies, it-tqarbin u l-visti tiegħu lis-Santissimu Sagrament kienu jixhduh. U meta sar l-irtir għas-sagristani, Salvu kien minn ta' l-ewwel li attenda.

Wieħed jista' jkun żgur li l-ikbar għoqla ta' qalbu kienet mhux biss li tilef l-ibnu fl-isbaħ ta' żgħożitu, imma li ma laħaqx sar saċerdot, kif kienet il-vokazzjoni tiegħu.

Min jaf lil Salvu mill-qrib jista' jgħid ħafna affarijiet sbieħ fuqu.

Ngħid għalija, ma ninsa qatt lil Salvu jisma' l-kommenti dwar il-liturġija l-ġdida, meta l-quddiesa bdiet issir skond ir-rit il-ġdid. Bosta daħlu fis-sagristija u kulħadd kien qed jifraħ lill-Kappillan u lis-saċerdoti fuq is-suċċess tar-rit il-ġdid, kif il-poplu issa qed jieħu sehem attiv mas-saċerdot. Salvu kien hemm ukoll, jisma' u jifraħ u jixtieq igħid tiegħu huwa wkoll... donnu ried igħid: issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbi... imma ma setax. Meta ħarist f'għajnejh indunajt li kienu mimlija bid-dmugħ.

Salv! il-poplu ta' San Ġiljan sal-lum imissu jaf kemm kont tħobb u titlob għall-erwieħ.

Waqt li jgħidlek grazzi għal dak li għamilt għall-parroċċa tiegħu, jibqa' jafulek u jitlob għal ruħek.

M. CARUANA.

## NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | 8. | 65 | Anthony Bonnett (Sliema) ma' Monica Cuschieri (S. Ġiljan). |
| 7. | 8. | 65 | Alexander Cassar (Msida) ma' Tessie Vassallo (S. Ġiljan). |
| 15. | 8. | 65 | Vincent Borg (Ħamrun) ma' Giovanna Antida Spiteri (S. Ġiljan). |
| 15. | 8. | 65 | Carmelo Muscat (Xagħra, Għawdex) ma' Monica Baldacchino (S. Ġiljan). |

## MULEJ, AGĦTIHOM IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 21. | 6. | 65 | Maria Peralta (85 sena), ta' 2, St. Julian's Terrace. |
| 24. | 6. | 65 | Kola Bonello (65 sena), ta' 29, Mensija Street. |
| 28. | 6. | 65 | Suor Maria Koletta tal-Qalb ta' Ġesù (79 sena), tal-Kunvent tal-Klarissi. |
| 3. | 7. | 65 | Antonietta Micallef (baby), ta' Mensija Road. |
| 12. | 7. | 65 | Peter Borg (85 sena), ta' 123, B'kara Hill. |
| 4. | 8. | 65 | Salvu Cefai (76 sena), ta' 42, Lapsi Street. |
| 6. | 8. | 65 | Annetta Galea (63 sena), ta' 19, Old College Street. |

"Empire Press"